

# *Kwadru ta' San Ġorġ Martri fil-knisja tal-Lunzjata f'Ħaż-Żebbuġ*

**Mario Fenech**

Il-knisja ta' Marija Annunzjata li tinsab fil-limiti tal-parroċċa ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ hija mogħnija b'diversi kwadri sbieħ fosthom dak ta' San Ġorġ Martri.
Din il-knisja ta' Marija Annunzjata hi t-tielet waħda li inbniet f'dan l-istess post.
L-ewwel knisja li nbniet kienet diġà teżisti fis-sena 1575 u tissemma' fir-rapport tal-Vista Pastorali li minħabba l-istat xejn tajjeb li kienet tinsab fih.
Fl-1666 il-knisja nfetħet mill-ġdid għal l-pubbliku fejn baqgħet tintuża għal xi żmien.
Inbniet mil-ġdid kif narawha llum fuq stil barokk bil-koppla fuqha fis-sena 1696. Ħallas għaliha il-benefattur Dun Gilio Zammit.
Il-pittura titulari tal-knisja li juri it-Tħabbira tal-Anġlu Gabriel lil Madonna huwa xogħol l-artist Stefano Erardi li kien għex bejn l-1630 u l-1716.
L-artist Antoine Favray li għex bejn l-1706 u l-1792 pinġa l-erba' pitturi laterali tal-knisja. F'dawn il-kwadri pinġa lil San Ġulju, l-qaddis li għalih kien imsemmi l-benefattur tal-knisja, San Martin Isqof (għal Dun Martin Zammit li kien iz-ziju tal-benefattur), San Gregorio u San Ġorġ Martri.
Dak iż-żmien fil-gżejjer Maltin, il-kult Ġorġjan kien fl-aqwa tiegħu u l-fatt li Ħaż-Żebbuġ hu viċin Ħal Qormi, jagħtina raġuna tajba għaliex il-qaddis intagħżel biex ikun wieħed mill-kwadri.
Għall-bidu Ħaż-Żebbuġ kien jagħmel mal-parroċċa ta' San Ġorġ bil-knisja bħala Vigarja Indipendenti sakemm imbagħad Ħaż-Żebbuġ sar parroċċa għalih fi żmien l-Isqof Mons. De Mello fl-1436.
F'dan il-kwadru tal-knisja tal-Lunzjata lil qaddis narawh fil-Glorja tiegħu u qed iħares 'il fuq lejn is-sema li rebaħ permezz tal-martirju tiegħu.
Bħal ma naraw f'pitturi oħra tal-artist Antoine Favray, il-kuluri użati huma meqjusa sew filwaqt li l-ħarsa fuq wiċċ il-qaddis, l-artist ippreżentaha bħala waħda ta' qdusija. Fis-sena 1876 żdied altar ieħor fil-knisja ddedikata lil Madonna ta' Lourdes.
Fis-sagristija hemm kwadru ieħor tal-Lunzjata li qabel kien fuq l-altar tal-knisja. Mhux magħruf min għamlu iżda fuqu hemm is-sena 1664.
L-inkwatru ta' San Ġorġ f'din il-knisja jkompli jsaħħaħ il-kult Ġorġjan fostna l-Maltin.

Il-festa t-tajba lil kulħadd